MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 388/1998/1

**Josef Farrugia**

**v.**

**Christopher Carabott u d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Mejju 2008 li biha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni ta' kull wieħed miż-żewġ

imħarrkin billi l-ebda wieħed minnhom ma jaħti għall-inċident mertu tal-kawża; ċaħdet l-ewwel talba attriċi għall-istess raġuni u għalhekk, ċaħdet ukoll it-talbiet l-oħrajn tal-attur billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba, bl-ispejjeż kontra l-attur.

**2.** Għall-aħjar intendiment ta' dan l-Appell, is-sentenza appellata qed tiġi hawn riprodotta fl-intier tagħha, imnejn jirriżultaw il-premessi u t-talbiet taċ-ċitazzjoni tal-attriċi, l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha ghall-konklużżjonijiet tagħha. Dik is-sentenza tgħid hekk:

**"Il-Qorti:**

"Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-26 ta' Frar, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li din il-Qorti (a) issib li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għall-ħabta li seħħet fi Triq Reġjonali fis-27 ta' Mejju, 1997, bejn il-karozza misjuqa minnu u dik misjuqa mill-imħarrek Carabott; (b) issib li huwa ġarrab ħsarat konsiderevoli; (ċ) tillikwida d-danni li huwa ġarrab; u (d) tikkundanna lill-imħarrkin, jew min minnhom, biex iħallsuh id-danni hekk imġarrbin. Talab ukoll l-ispejjeż tal-kawża;

"Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fl-4 ta' Marzu, 1999, li biha l-imħarrek Christopher Carabott laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li huwa ma jaħti xejn la għall-ħabta u lanqas għall-waqgħa tal-attur, u żied jgħid li kulma ġara kien tort tal-attur innifsu billi ipprova jwettaq manuvra sperikolata fis-sewqan tiegħu;

"Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fis-16 ta' Marzu, 1999, li biha l-imħarrek Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li ma kellux x'jaqsam xejn mal-ħabta bejn iż-żewġ karozzi, u lanqas jista' jinżamm responsabbli għal min jistordi fi triq pubblika u jaqa' minn għoli minħabba f'hekk. Żied jgħid li fil-parti tat-triq fejn seħħet il-ħabta hemm ilqugħ tajjeb u kontinwu bil-ħadid (*guard rails*) u kif ukoll *bollards* tal-konkrit, u li huwa wettaq id-dmirijiet tiegħu li jżomm dik il-

parti tat-triq f'kundizzjoni tajba u f'qagħda li ma kinitx ta' perikolu għal min kien qiegħed jużaha;

"Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Mejju, 1999[1] li bih ħatret lill-kirurgu Frederick Żammit Maempel bħala espert mediku biex jeżamina lill-attur u biex jirrelata dwar il-qagħda fiżika tiegħu, u lill-"Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet dwar il-każ;

"Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-16 ta' Ġunju, 1999[2], fuq talba li saret b'rikors imressaq mill-imħarrek Direttur Ġenerali fis-26 ta' Mejju, 1999, li bih ċaħdet it-talba tiegħu biex tħallih iressaq Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri;

"Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju;

"Rat ir-Relazzjoni tal-perit mediku mressqa fil-5 ta' Ottubru, 1999[3] u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tal-10 ta' Marzu, 2004;

"Rat in-Noti mressqin mill-imħarrkin fl-10 ta' Marzu, 2004, u fit-12 ta' Marzu, 2004, li biha talbu l-ħatra ta' periti mediċi addizzjonali;

"Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' April, 2004[4], li bih ħatret lill-kirurgi ortopediċi Carmel Sciberras, Charles Grixti u Raymond Gatt bħala periti mediċi addizzjonali;

"Rat ir-relazzjoni mressqa mill-periti mediċi addizzjonali fit-30 ta' Awissu, 2004[5], u minnhom maħlufa fir-Reġistru bejn l-10 ta' Jannar, u l-25 ta' Jannar, 2005;

"Semgħet ix-xhieda ta' wieħed mill-periti mediċi mressqa mill-imħarrkin in eskussjoni;

---

[1] Paġ. 19 tal-proċess
[2] Paġ. 28 tal-proċess
[3] Paġ. 127 – 9 tal-proċess
[4] Paġ. 132 tal-proċess
[5] Paġġ. 141 – 7 tal-proċess (l-oriġinal tal-istess rapport jinsab f'invilopp f'paġ. 148 tal-proċess

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-17 ta' Novembru, 2005[6];

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi fis-6 ta' Jannar, 2006[7];

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Christopher Carabott fid-19 ta' Jannar, 2006[8];

"Rat l-atti kollha tal-kawża;

"Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Ġunju, 2006, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***"Ikkunsidrat:***

"Illi din hija azzjoni għad-danni. L-attur jgħid li f'ħabta li seħħet bejn il-karozza misjuqa minnu u dik misjuqa mill-imħarrek Carabott, hu ġarrab ħsara kemm fil-karozza u kif ukoll f'saħħtu b'mod li baqa' jġorr debilita' li ma tfiqx. Jgħid li hu ma kellu l-ebda ħtija f'dik il-ħabta, imma li l-ħtija hija tal-imħarrkin l-oħra, jew min minnhom. Dan jgħidu għaliex x'ħin intlaqat minn wara mill-karozza misjuqa mill-imħarrek Carabott, tilef il-kontroll tal-karozza li kien qed isuq hu, baqa' dieħel f'ħajt u, kif ħareġ mill-karozza xi ftit stordut, mar jistrieħ maċ-ċint tal-ħadid f'tarf it-triq u waqa' għal isfel m'ogħla xi seba' sulari. Billi ma ngħatax il-kumpens għall-ħsara u d-dannu li ġarrab, kellu jfittixhom it-tnejn;

"Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek Carabott laqa' billi qal li hu qatt ma ħabat mal-karozza misjuqa mill-attur, u għalhekk jiċħad li huwa b'xi mod responsabbli għal dak li ġralu;

"Illi, l-imħarrek l-ieħor id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi laqa' billi qal li huwa ma jistax jinżamm responsabbli għan-nies li jaqgħu mill-għoli fit-toroq. Huwa responsabbli biss miż-żamma tajba tal-istat tat-toroq u ma hemm xejn

[6] Paġġ. 160 – 6 tal-proċess
[7] Paġġ. 168 sa 174 tal-proċess
[8] Paġġ. 176 sa 181 tal-proċess

x'juri li dik il-parti tat-triq kienet fi stat ħażin jew ta' periklu għal min jużaha;

"Illi mill-fatti kif jirriżultaw mill-atti tal-kawża joħroġ li fis-27 ta' Mejju, 1997[9], għall-ħabta tal-11.30 ta' filgħaxija, fi Triq Mikiel Anton Vassalli (parti minn Triq Reġjonali), San Ġiljan, qrib il-pont tas-Swieqi (magħruf bħala l-Pont Manwel Dimech), seħħ inċident fejn il-karozza tal-għamla *Mazda 323 Saloon*, reġistrata EAF-365, misjuqa mill-attur baqgħet dieħla f'ħajt. Riekeb mal-attur kien hemm wieħed Ernest Briffa li, mal-ħabta, wkoll ġarrab xi ġrieħi. L-attur, Briffa u l-imħarrek Carabott kienu spiċċaw mix-xogħol f'xi l-22.00 u kienu sejrin dawra bil-karozza. L-attur kien qiegħed isuq fid-direzzjoni lejn Paceville, bl-imħarrek Carabott isuq miegħu karozza tal-għamla *Ford Anglia*, reġistrata BAD-745, li hu kien issellef mingħand missieru;

"Illi malli l-karozza li kienu rekbin fiha l-attur u Briffa waslet biex toħroġ mill-mini qrib il-pont li hemm, il-karozza bdiet iddur bla kontroll u tkaħħlet ma' wieħed mill-pilastri tal-konkrit tal-istess pont u mbagħad waqfet f'nofs it-triq[10]. Il-karozza daħlet fiċ-ċint li jifred driegħ mill-ieħor tal-pont[11], u waqfet f'nofs dak id-driegħ bejn mogħdija (karreġġata) u oħra ftit metri 'l bogħod, tħares fid-direzzjoni mnejn kienet ġejja. Iż-żewġ dirgħajn tal-pont kienu mifruda minn xulxin b'fetħa m'usa' ftit ċentimetri bla lqugħ taħtha. Jidher li l-attur ħareġ mill-karozza tiegħu u waqa' mill-għoli tal-pont sewwasew mill-fetħa ta' bejn iż-żewġ dirgħajn tal-pont 'l isfel għat-triq li mal-wied tgħaddi minn taħt il-pont. Dak inhar l-attur ittieħed l-isptar fit-taqsima tal-kura intensiva u għal xi jiem kien qiegħed jilagħbha mal-mewt. Dam l-isptar għal xi sitt xhur. Tul dak iż-żmien sarulu xi operazzjonijiet. Baqa' jidħol għal interventi kirurġiċi sa Diċembru tal-2002;

"Illi dak inhar tal-inċident, l-attur kellu tmintax-il sena u kien ilu biss ftit jiem li kiseb il-liċenza tas-sewqan. L-imħarrek Carabott kien ta' l-istess eta' u huwa wkoll kien ġabar il-liċenza tas-sewqan dak inhar stess, u l-karozza li kien qiegħed isuq kienet ta' missieru[12];

---

[9] Dok "LM1", f'paġ. 39 tal-proċess
[10] Dok "LM", f'paġġ. 40 – 1 tal-proċess
[11] Dok "FM", f'paġ. 104 tal-proċess
[12] Affidavit tiegħu 7.3.2001, f'paġ, 73 tal-proċess

"Illi fi żmien l-inċident, l-attur kien ilu f'impieg ma' kumpannija lokali ftit aktar minn sena u nofs. Wara l-incident, għamel sena u seba' xhur ma jidħolx għax-xogħol, iżda ma tilifx l-impieg tiegħu u f'Jannar tal-1999 reġa' beda jagħmel l-istess xogħol mal-istess kumpannija[13]. Iżda jirriżulta li n-naħa tax-xellug ta' ġismu, b'wiċċu b'kollox, hija tista' tgħid bla ħajja (popletika jew spastika) u mtarrxa. L-attur għadu sal-lum ibati biex jitħarrek bla ma jingħata għajnuna. Minħabba l-qagħda mwiegħra tiegħu ma setax ikompli bl-impieg tiegħu;

"Illi l-kawża nfetħet fi Frar tal-1998;

"Illi l-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ u tibda l-ewwel biex tqis **min għandu jitqies responsabbli għall-inċident**. F'dan il-każ huwa ta' siwi kbir li wieħed jistabilixxi d-dinamika tal-inċident. Dan qiegħed jingħad għaliex, filwaqt li l-attur isejjes il-każ kollu tiegħu fuq ħabta bejn il-karozza misjuqa minnu u dik misjuqa mill-imħarrek Carabott, dan tal-aħħar jiċħad li qatt kien hemm kuntatt bejn iż-żewġ karozzi u jgħid li dak li ġara kien kollu minħabba li l-attur m'għarafx jikkontrolla sewwa l-karozza li kien qiegħed isuq u, fuq kollox, dan minħabba li l-istess attur saq b'mod traskurat;

"Illi mill-proċess verbal magħmul mill-Maġistrat Inkwirenti f'Diċembru tal-1999[14], jirriżulta li l-imħarrek Carabott stqarr li hu u l-attur kienu qegħdin isuqu b'impika ma' xulxin, u li hu kien laqat b'mod ħafif il-karozza misjuqa mill-attur. Jirriżulta wkoll li l-attur qabeż b'mod imprudenti lill-karozza misjuqa mill-imħarrek Carabott. Dak il-proċess verbal jagħlaq bil-fehma li "*Kwindi ż-żewġ sewwieqa huma responsabbli ta' sewqan bla kont u għad-danni derivanti minn tali inċident*". F'dan ir-rigward, il-Qorti jidhrilha xieraq li ssemmi li, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jirreferi għal xi stqarrijiet li jgħid li l-imħarrek Carabott għamel mal-Pulizija waqt l-inkjesta. Il-Qorti ma tistax tqis dawk ir-riferenzi għaliex dak li jissemma fl-istess Nota ma joħroġx mill-provi u mill-atti tal-kawża. Kemm-il darba

[13] Dok "J11", f'paġ. 112 tal-proċess
[14] Dok "MA", f'paġġ. 100 – 1 tal-proċess

jingħad li Noti ta' Osservazzjonijiet m'għandhomx iservu la biex jissupplementaw provi li jmisshom ikunu tressqu fl-istadju xieraq tas-smigħ tal-kawża u lanqas biex joħolqu kontestazzjonijiet jew linji difensjonali ġodda li ma jkunux ġew dibattuti qabel. Ta' min ifakkar li l-istadju tal-ġbir tal-provi f'din il-kawża baqa' għaddej għal qrib tliet snin u għalhekk kien hemm żmien biżżejjed biex kull parti tressaq ix-xhieda li dehrilha meħtieġa biex tipprova l-każ tagħha;

"Illi minn dak li joħroġ mill-provi mressqa l-Qorti għandha għaliex taħseb li dak li seħħ jagħti stampa ta' avventura ta' bluha li ntemmet ħażin. Jirriżulta li l-attur, Briffa u l-imħarrek Carabott kienu ħbieb żgħażagħ li jaħdmu flimkien. Joħroġ ukoll li l-attur u Carabott kienu għadhom kemm għalqu tmintax-il sena u kienu kisbu l-liċenza tas-sewqan f'dawk il-jiem. Kemm l-attur u kif ukoll l-imħarrek kienu qegħdin isuqu karozzi li m'humiex ġodda: l-attur kien xtraha, bl-għajnuna tal-ġenituri tiegħu, bħala wżata xi ftit xhur qabel, filwaqt li l-imħarrek issellef il-karozza ta' missieru li kienet ilha bosta snin fuq it-triq[15]. Iż-żewġ mudelli jixhdu li ma kinux minn fost l-iżjed mudelli ġodda fuq it-toroq. Kemm l-attur u kif ukoll l-imħarrek kienu għadhom kemm spiċċaw minn xift tax-xogħol li beda madwar disa' sigħat qabel l-inċident. Kien ftehmu li joħorġu biex jiddevertu. Kienu marru jieklu flimkien qabel ma rħewlha lejn Paċeville;

"Illi mix-xhieda tal-passiġġier Briffa[16] jirriżultaw dawn iċ-ċirkostanzi minnufih qabel l-inċident : (a) li Carabott kien qiegħed isuq warajhom; (b) li l-attur kien qiegħed isuq fuq ilmogħdija (karreġġata) tax-xelluġ; (ċ) li, f'ħin minnhom, l-attur ried jaqbeż karozza oħra li kienet quddiemhom; (d) li dik il-manuvra bdiet meta l-karozzi kienu għadhom fil-mina; (e) waqt li kienu għadhom fil-mina, l-karozza li kien riekeb fiha x-xhud tilfet il-kontroll u baqgħet miexja dritt; (f) li ma ħass l-ebda daqqa ma' karozza oħra meta sar l-inċident; (ġ) li l-attur ma kienx liebes iċ-ċinturin tas-sigurta'; (ħ) il-karozzi kienu għaddejjin b'veloċita' naqra għolja imma mhux eċċessiva. Joħroġ ukoll li, xi jiem

[15] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami 29.5.2002, f'paġ. 106 tal-proċess
[16] Xhieda tiegħu 11.1.2000, f'paġġ. 54 – 6 tal-proċess

qabel, l-istess xhud kien riekeb mal-attur u kellhom inċident ieħor qrib il-Marsa, meta l-karozza li kienu rekbin fiha lagħbitilhom. L-attur jiċħad dan l-episodju;

"Illi l-fatt li l-attur kien għadu kemm kiseb il-liċenza tas-sewqan ftit tal-jiem qabel jispjega biċċa sewwa minn dak li seta' ġara fil-każ. Kif jgħid ir-Regolament rilevanti tal-Kodiċi tat-Triq[17], "*Liċenza tas-sewqan tagħti l-kwalifika iżda mhux il-kapaċita'. Din tiġi wara esperjenza tajba, iżda min isuq għandu dejjem jevita li jkollu fiduċja żejda fih innifsu*." Dan jgħodd iżjed meta jidher li kemm hu u kif ukoll l-imħarrek Carabott kienu qegħdin jagħmlu bħal speċi ta' taqtigħa bejniethom dwar min minnhom isuq l-eħfef u l-aħjar. Din il-"logħba" swiet qares u setgħet ġabet lil ħaddieħor fil-għali wkoll. Naturalment, dak li jingħad dwar l-attur jgħodd ukoll għall-imħarrek, li, bħalu, kien għadu jikseb il-liċenza tas-sewqan sewwasew dak inhar li seħħ l-inċident;

"Illi, min-naħa tiegħu, l-imħarrek jisħaq li huwa qatt ma laqat lill-karozza misjuqa mill-attur, f'xi ħin waqt li l-karozzi kienu qegħdin jinsaqu fil-mini ta' Triq Reġjonali. Din il-pożizzjoni ma jidher li taqbel xejn ma' dak li l-istess Carabott (x'aktarx ukoll taħt ġurament) xehed waqt l-inkjesta maġisterjali, meta jidher li qal li f'xi ħin kien żgur li l-karozzi tiegħu u tal-attur missew ma' xulxin. Iżda l-imħarrek jgħid ukoll li kien l-attur li qaleb il-korsija u ipprova jaqla' karozza li kienet quddiemu fuq il-korsija ta' ġewwa u ipprova jgħaddi bejnha u dik misjuqa mill-istess imħarrek, li kienet fuq il-mogħdija tal-lemin. L-imħarrek jgħid li l-attur għamel din il-manuvra għall-għarrieda. Carabott jisħaq li l-karozza misjuqa mill-attur kienet bdiet tperper u ddur waqt li kienu għadhom fil-mina u mbagħad baqgħet dieħla frontalment ġol-pilastru tal-pont. L-attur innifsu jistqarr[18] li l-karozza tiegħu ma kellhiex daqqiet fuq in-naħa ta' wara tagħha. Filwaqt li x-xhud Briffa, kif diġa' rajna, wkoll jgħid li ma ħass l-ebda ħabta ma' xi karozza oħra sal-ħin li l-karozza li kien riekeb fiha stabtet mal-pilastru tal-pont;

[17] Reg. 103
[18] Kontro-eżami tiegħu 22.3.2001, f'paġ. 77 tal-proċess

"Illi f'dan il-każ, il-Qorti qed ikollha toqgħod fuq il-verżjoni ta' dawn it-tlieta min-nies. Ma tressaq ħadd barrani b'xhud li seta' kien qiegħed jara x'qed jiġri. Ix-xhieda tal-attur ftit tagħti tagħrif ċert u l-ftit li jagħti jidher qisu inkoerenti, u dan għaliex huwa nnifsu jistqarr li ntilef minn sensih u li ma jiftakar kważi xejn minn dak li seħħ. Il-Qorti żammet ukoll quddiem għajnejha li meta xehed l-attur kien għadu jbati mill-effetti gravi f'saħħtu, maħluqin (x'aktarx) bil-waqgħa tiegħu mill-għoli. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek Carabott qisu nqabad bejn żewġ verżjonijiet li ma jaqblux għal kollox ma' xulxin. Fil-verżojin mogħtija minnu l-iżjed qrib l-inċident (sewwasew meta xehed fl-inkjesta maġisterjali)[19] kien konvint li kien hemm kuntatt bejn il-karozza misjuqa minnu u dik misjuqa mill-attur. Sa tliet snin wara[20] kien qiegħed jisħaq li l-karozzi ma ħabtux iżda li, fil-ħin li l-attur għamel il-manuvra tiegħu, kienu viċin ħafna ta' xulxin;

"Illi jibqa' x-xhieda tal-passiġġier Briffa li kien ħabib taż-żewġ sewwieqa. Dan kien xhud imressaq mill-attur, u wieħed jifhem li ma kienx xhud ostili. Ma ntweriex li kellu xi interess partikolari li jixhed favur jew kontra l-attur jew l-imħarrek Carabott. Il-Qorti fliet sewwa x-xhieda tiegħu, magħduda dik fil-kontro-eżami u ma sabithiex inkonsistenti jew inkredibbli. F'dik ix-xhieda, hija sabet aspetti fattwali determinanti li fuqhom tista' toqgħod biex tasal għall-fehmiet tagħha dwar dak li seħħ;

"Illi l-Qorti tqis ukoll li huwa ammess li l-attur, f'xi ħin, kien qiegħed wara l-karozza misjuqa mill-imħarrek, u f'mogħdija 'l ġewwa minnu. Għalkemm mhux neċessarjament ikun warajha preċiż, imma jibqa' l-fatt li huwa kellu mixħuta fuqu r-responsabbilta' ta' sewwieq li jkun wara sewwieq ieħor fil-konfront ta' dan. Dan iġib miegħu l-ħtieġa li jara sewwa x'ikun qiegħed iseħħ quddiemu (imqar mis-sewwieq li jkun qiegħed isuq fuq quddiem) u li jassigura li s-sewqan tiegħu ikun b'mod li f'kull waqt ma jikkawżax preġudizzju lil min ikun quddiemu[21];

[19] Dan kien f'April tal-1998 (xahrejn wara li kienet diġa` nfetħet din il-kawża)
[20] L-affidavit tiegħu għamlu f'Marzu tal-2001
[21] App. Krim. JGD **6.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Zaffarese***

"Illi minbarra dan, jidher li l-attur kien qiegħed jipprova jaqbeż karozza li kien hemm quddiemu fl-istess mogħdija. Biex jagħmel hekk, kellu joħroġ lejn il-mogħdija tal-lemin biex lil dik il-karozza jaqbiżha min-naħa t-tajba. Iżda dan kien ifisser ukoll li, biex jagħmel dik il-manuvra b'suċċess, ried joħroġ għal fuq il-mogħdija ta' barra fejn kien hemm il-karozza misjuqa mill-imħarrek Carabott. F'dan ir-rigward, biex seta' jaqleb minn korsija għal oħra, l-attur kellu wkoll jara li l-manuvra tiegħu ma twassalx lil min ikun qiegħed isuq warajh jew biswitu (fuq il-mogħdija l-oħra) biex isib ma' wiċċu sitwazzjoni ta' periklu għalih. Qlib minn korsija għal oħra hija meqjusa bħala manuvra li taf toħloq periklu[22]. Manuvra bħal din iġġib magħha l-ħtieġa ta' mġiba għaqlija mis-sewwieq li jrid jagħmilha, b'indikazzjoni xierqa minn qabel, u b'mod li ma jsirux spostamenti għall-għarrieda lejn naħa jew oħra li jifxlu lil min ikun wara. Fuq kollox, manuvra bħal din trid tinbeda wara li s-sewwieq li jkun sejjer jaqleb il-korsija jkun ra sewwa x'hemm madwaru. Iżda fuq kollox, il-manuvra tal-attur kienet waħda fejn, biex tirnexxi, ried tabilfors jaqbeż linja kontinwa bejn mogħdija u oħra. Dan kien minnu nnifsu għamil li jixħet piż u responsabbilta' kbira fuq min iwettqu[23]. Minbarra dan kollu, fil-konfront tal-imħarrek Carabott, il-manuvra li kien qiegħed jagħmel l-attur kienet waħda ta' sorpass min-naħa tax-xellug. Sorpass minn fuq in-naħa tax-xellug imur kontra r-Regolamenti[24], u bħala regola, m'għandu jsir qatt jekk mhux meta s-sewwieq ta' quddiem ikun sejjer jidħol fi triq oħra fuq il-lemin tiegħu[25];

"Illi, indipendentement għalissa mill-kwestjoni jekk kienx hemm impatt bejn il-karozza misjuqa mill-attur u dik misjuqa mil-imħarrek Carabott, l-attur innifsu jistqarr ukoll li **waqt li kien għadu fil-mina** għamel tentativ biex jaqbeż karozza li jgħid li kienet quddiemu u qaleb minn fuq mogħdija. Din l-istqarrija, fil-fehma tal-Qorti, hija dikjarazzjoni ċara ta' ksur tar-Regolamenti tas-Sewqan. F'mina ma jista' jsir la sorpass u lanqas qlib minn

[22] App. Inf. **9.11.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Matthew Brincat v. Pio Lebrun***
[23] P.A. AJM **8.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Azzopardi et v. Anthony Ċiappara***
[24] Reg. 63
[25] P.A. DS **21.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Insurance Agency Ltd. V. Jacqueline Galea***

mogħdija għal oħra[26]. Huwa minnu li din hija ħaġa li wieħed jara ssir kuljum: b'daqshekk ma ssirx manuvra leċita;

"Illi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jagħmel l-argument li l-imħarrek Carabott kien qiegħed isuq b'ħeffa kbira u b'hekk kellu sehem biex seħħ l-inċident. Il-Qorti tibda biex tgħid li jidher li l-attur innifsu ma kienx qiegħed isuq bil-lajma lanqas, tant li, f'xi ħin, seħħlu jaqbeż lill-imħarrek Carabott minkejja li, kif jgħid, kellu quddiemu karozza oħra li ried jaqbiżha. Fit-tieni lok, Carabott kien qiegħed isuq fuq il-mogħdija ta' barra, fejn wieħed jistenna li t-traffiku li jkun għaddej fuqha jkun qiegħed jimxi b'ħeffa akbar minn dik li jkun miexi biha t-traffiku fuq il-mogħdija ta' ġewwa. Fit-tielet lok, mhuwiex biżżejjed li parti tallega li l-parti l-oħra setgħet kienet qiegħda ssuq b'ħeffa ogħla minn dak permess mir-Regolamenti, biex b'hekk tgħabbi lil dik il-parti bil-ħtija għall-inċident[27]: inċident tat-triq m'huwiex entita' astratta, imma ġabra ta' fatti li jkunu ġraw kif ġraw fis-sura u d-daqs tagħhom[28];

"Illi meta wieħed iqiegħed dawn il-konsiderazzjonijiet fil-qafas taċ-ċirkostanzi fattwali li joħorġu mill-provi, wieħed jibqa' bil-konvinzjoni li l-inċident seta' ma seħħ xejn u li seħħ għaliex l-attur ma kienx f'qagħda li jevitah. Għall-kuntrarju, l-Qorti hija tal-fehma li kien l-attur innifsu li kien jaħti għal dak li ġara u dan għaliex saq bi traskuraġni, bla għaqal, b'manjiera perikoluża u bi ksur tar-Regolamenti meta ma kienx għad għandu esperjenza tas-sewqan u meta wkoll għamel manuvra li setgħet ġabet ħsara lil sewwieqa oħra li seta' kien hemm fil-qrib. Il-fatt li, bil-manuvra tiegħu nnifsu bla provokazzjoni minn ħaddieħor, tilef il-kontroll fis-sewqan tal-karozza li kellu f'idejh iġib ukoll il-konklużjoni li huwa naqas mill-ħarsien ta' waħda mir-regoli ewlenin fis-sewqan, jiġifieri dik li s-sewwieq, f'kull ħin, irid iqis li jżomm kontroll tajjeb ta' dak li qiegħed jagħmel u ta' dak li jkun hemm fil-madwar;

---

[26] Reg. 258
[27] Ara, b'eżempju, P.A. GV **25.3.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Elmo Insurance Services Ltd. V. Agostino Magro***
[28] App. Ċiv. **2.3.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia v. Conti et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.163**)

"Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrek Carabott m'għandux iwieġeb għal xi ħtija fl-inċident li seħħ;

"Illi l-attur iqiegħed ukoll biċċa mill-ħtija ta' dak li ġara fuq l-imħarrek l-ieħor ukoll. Huwa jgħid li kieku l-ilqugħ u ċ-ċnut tal-ġenb kienu kif messhom ikunu, hu ma kienx jaqa' għal isfel wara l-ħabta. L-imħarrek iwarrab din ix-xilja għax jgħid li ma jista' jitqies bl-ebda mod responsabbli għal dak li ġara. Il-Qorti ssib li hawn ukoll l-attur ma seħħux juri kif tassew id-Direttur imħarrek għandu jwieġeb għal xi responsabbilta'. Għall-kuntrarju, intwera li mn'Alla kien l-ilqugħ u l-pilastri tal-pont li magħhom waqfet tistrieħ il-karozza misjuqa mill-attur biex evitat li l-istess karozza jiġrilha bħal sidha u tibqa' nieżla 'l isfel hija wkoll fit-triq ta' taħt. Dak l-ilqugħ – li tiegħu u ż-żamma tajba tiegħu huwa responsabbli l-imħarrek Direttur – wettaq ix-xogħol tiegħu u żamm milli l-karozza tinqaleb għal isfel. Huwa minnu li l-istat strutturali ġenerali tal-istess ilqugħ ma kienx wieħed mill-aħjar[29], iżda ma tressqet l-ebda prova li dak l-ilqugħ kien ta' periklu għal min ikun miexi ħdejh. Fuq kollox, ma jidhirx li f'dik il-parti tal-pont kien maħsub li, normalment, ikun hemm nies mexjin matulu[30]. F'dan ir-rigward il-Qorti tilqa' bħala f'posthom is-sottomissjonijiet tad-Direttur imħarrek;

"Illi minbarra dan, hemm aspett legali wkoll li jimmilita kontra s-sejbien ta' ħtija fil-persuna tal-imħarrek Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Il-bażi tal-azzjoni attriċi, kemm fir-rigward tal-imħarrek Carabott u kif ukoll fir-rigward tal-imħarrek l-ieħor, hija waħda ta' ħtija akwiljana. Dan ifisser li l-attur irid jipprova tajjeb biżżejjed li, bejn il-ġrajja li tnissel il-ħtija u l-effett tal-ħsara mġarrba, hemm rabta kawżali. Mill-provi li tressqu tonqos il-prova li torbot lill-imħarrek Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi mal-inċident. Lanqas ma toħroġ sewwa r-rabta bejn l-inċident u l-waqgħa tal-attur minn fuq il-pont għal isfel, ladarba l-karozza li kien qiegħed isuq mhux talli ma waqgħetx 'l isfel, imma marret lejn in-nofs tat-triq. Għall-Qorti, dan jista' jfisser waħda minn żewġ ħwejjeġ: jew li, mal-ħabta, l-

[29] Ara d-Dok "OD" u x-xhieda ta' Oliver Debono 15.5.2001, f'paġġ. 80 – 3 tal-proċess
[30] Xhieda ta' Joseph Farruġia 15.5.2001, f'paġ. 85 tal-proċess

attur inbeżaq mill-karozza għaliex ma kienx marbut biċ-ċinturin tas-sigurta' (bħalma kien marbut sieħbu Ernest Briffa, l-passiġġier, li baqa' fil-karozza u kellu jinħareġ minnha bla bosta ġrieħi bl-għajnuna li tah l-imħarrek Carabott), jew li hu ħareġ minn ġol-karozza, u fid-dagħdigħa li kien fiha, mexa lejn iċ-ċint u straħ miegħu u għaleb 'l isfel. Fl-ebda waħda minn dawn iż-żewġ possibilitajiet ma tista' l-Qorti tara r-rabta kawżali bejn dak li seħħ u xi sehem li jgħabbi bi ħtija lid-Direttur imħarrek[31]. Lanqas ma huwa argument tajjeb il-fatt li, xi żmien wara, d-dipartiment kien waħħal xi *crash barriers* f'dawk l-inħawi, aktar u aktar ladarba dawn lanqas ikunu ogħla miċ-ċint innifsu;

"Illi l-Qorti tifhem li l-attur għadda u għadu għaddej minn tbatija b'riżultat ta' dak li seħħ dak inhar, iżda minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża ma sabet xejn li jwassalha għall-fehma li dik il-ħsara għandu jaħti għaliha ħaddieħor jekk mhux l-istess attur;

"Illi dan ifisser ukoll li l-Qorti ma tistax tikkundanna lill-ebda wieħed mill-imħarrkin biex jagħmel tajjeb għall-ħsara mġarrba mill-attur, u għalhekk m'hemmx għalfejn tgħaddi biex tillikwida d-danni;

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

"Filwaqt li **tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** ta' kull wieħed miż-żewġ imħarrkin u ssib li l-ebda wieħed minnhom ma jaħti għall-inċident mertu tal-kawża;

**"Tiċħad l-ewwel talba attriċi** għall-istess raġuni;

"Għalhekk, **tiċħad ukoll it-talbiet l-oħrajn tal-attur** billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel talba, **bl-ispejjeż** kontra l-attur."

## L-appell tal-attur

[31] Ara, b'eżempju, App. Inf. **28.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Saliba v. Sindku Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar et***

**3.** L-attur ħassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interpona appell minnha b'rikors ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2008.

**4.** Fil-qosor, l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

- Fl-ewwel aggravju l-appellant ma jaqbilx mas-sentenza appellata meta ħelset għal kollox lill-appellat Carabott minn kull ħtija għall-inċident *de quo*.
- Dwar ir-responsabilita` tad-Direttur tax-Xogħlijiet l-appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta waslet għall-konklużżjoni li dan m'għandu jġorr l-ebda ħtija.

- Fl-aħħarnett l-appellant isostni li l-Ewwel Qorti, anke jekk kienet konvinta li hu kien jaħti għall-inċident, hi lanqas biss ikkunsidrat jekk kienx hemm ħtija kontributorja da parti tal-konvenuti jew min minnhom.

**5.** Għaldaqstant l-appellant talab ir-revoka tas-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u minflok tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

**Risposta tal-konvenuti**

**6.** Il-konvenuti wieġbu billi qalu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita li tiġi kkonfermata prevja ċ-ċaħda tal-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant filwaqt li jirribadixxu r-raġunament tal-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha.

**Fatti mertu tal-kawza**

**7.** Il-fatti li taw lok għal dawn il-proċeduri, li issa jinsabu quddiem din il-Qorti, huma korrettement u dettaljatament riportati fis-sentenza appellata li ġiet riprodotta aktar qabel f'din is-sentenza, u din il-Qorti mhix ser terġa' tirrepetihom[32].

---

[32] Ara parti tal-sentenza tal-ewwel Qorti dwar *"fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża".*

**8.** Il-kawża hija azzjoni għad-danni in segwitu għall-inċident awtomobilistiku li ġara fis-27 ta' Mejju 1997 għal ħabta tal-11.30 p.m. fir-Regional Road, direzzjoni St. Andrews, kif toħroġ mill-mina, li fih l-attur ġarrab ħsara kemm fil-karozza kif ukoll f'saħħtu b'mod li sofra debilita` li ma tfieqx.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**9.** F'dan il-każ irid jiġi stabbilit x'wassal għall-inċident, x'kienet il-kawża prossima u immedjata, billi ż-żewġ sewwieqa mhux qed jaqblu dwar kif filfatt seħħet il-ħabta. L-attur isostni li hu ntlaqat fuq wara tal-karozza li kien qed isuq, tilef il-kontroll tal-vettura u kif ħareġ mill-mina spiċċa maħbut mal-pilastri tal-pont. Min-naħa l-oħra l-konvenut Carabott isostni li hu ma laqatx il-vettura li kien qed isuq l-attur, u kien biss is-sewqan traskurat u kontra r-regolamenti da parti tal-attur li kkawża l-inċident.

**10.** Illi l-Ewwel Qorti ddeċidiet li fil-fehma tagħha *"kien l-attur innifsu li kien jaħti għal dak li ġara u dan għaliex saq bi traskuraġni, bla għaqal, b'manjiera perikoluża u bi ksur tar-Regolamenti meta ma kienx għad għandu esperjenza tas-sewqan u meta wkoll għamel manuvra li setgħet ġabet ħsara lil sewwieqa oħra li seta' kien hemm fil-qrib."*

**11.** Illi l-appellant ma qablix ma' din il-konklużżjoni tal-Ewwel Qorti u fl-aggravji tiegħu qed jistieden lil din il-Qorti li tiddisturba l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti.

**12.** Issa ġie kostantement ritenut li l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Qorti tal-Ewwel grad m'għandux jiġi faċilment disturbat minn din il-Qorti u li dan għandu jkun biss f'każijiet fejn iċ-ċirkostanzi jkunu tali li jikkonvinċu lil din il-Qorti ta' reviżjoni li l-apprezzament tal-Ewwel Qorti kien tant żbaljat li altrimenti tkun ser tiġi kkrejata inġustizzja.

**13.** Illi stante li l-aggravji tal-appellant jikkonċernaw prinċipalment apprezzament ta' fatti, din il-Qorti

necessarjament fliet l-atti proċesswali kollha u sejra titratta l-aggravji tal-appellant skont kif ġew elenkati minnu stess.

**14.** **Fl-ewwel aggravju** l-appellant jissottometti li hemm provi biżżejjed fl-atti li juru li fil-fatt l-appellat Carabott laqat il-vettura tiegħu fuq wara u dan wassal biex hu tilef il-kontroll tal-vettura, skiddja u ħabat.

**15.** L-appellant isostni li l-verżjoni mogħtija mill-konvenut Carabott m'hijiex kredibbili u m'għandhiex tingħata l-piż li ġiet mogħtija lilha mill-Ewwel Qorti u dan għar-ragunijiet segwenti.

**16.** Ix-xhieda li Carabott ta f'din il-kawża tikkontrasta bil-kbir ma' l-istqarrija li hu stess kien ta lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet kondotti minnhom fejn huwa stqarr li disgħa u disgħin fil-mija laqat il-vettura misjuqa mill-appellant.

**17.** Inoltre l-appellant jgħid li x-xhud Ernest Briffa xehed quddiem l-espert maħtur mill-Magistrat Inkwirenti li qabel ma l-attur tilef il-kontroll tal-vettura huwa sema' ħoss bħal *'du dumm'* li hu qabblu bħala xi ħaġa li ħabtet ma' l-art. Din ix-xhieda, skont l-appellant, tikkorrobora t-teżi tiegħu dwar kif seħħ l-inċident, u ċioe` li kien intlaqat minn wara.

**18.** Fir-rikors tal-appell tiegħu l-appellant kien esebixxa xi dokumenti meħuda mill-atti tal-inkjesta li ma kienx esebixxa quddiem l-Ewwel Qorti u dan biex jipprova li l-appellat Carabott kien verament qal id-diskors appena *'msemmi lill-Pulizija, ċioe` li hu kien laqat il-karozza tal-appellant.*

**19.** Din il-Qorti b'sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2011 kienet ordnat li dawn id-dokumenti u ċioe` d-dokumenti SMS1 u SMS2 li ġew ippreżentati mar-rikors tal-appell jitneħħew mill-atti billi dawn kienu faċilment aċċessibili għal appellant u setgħu ġew ippreżentati qabel, kif ukoll li l-Ewwel Qorti kienet qalet espressament fis-sentenza tagħha li hi ma kienitx sejra tqis dawk il-provi, billi li ma kienux joħorġu mill-atti tal-kawża.

**20.** Illi l-Ewwel Qorti kienet konsapevoli b'dan il-konflitt fil-verżjonijiet li taw l-appellant u Carabott u meta ġiet biex tikkunsidrahom flimkien max-xhieda ta' Ernest Briffa, xhud li la kellu min-naħa u lanqas minn oħra[33], dwar ix-xhieda ta' dan Briffa qalet li hi *"fliet sewwa x-xhieda tiegħu, magħduda dik fil-kontro-eżami, u ma sabithiex inkonsistenti jew inkredibbli. F'dik ix-xhieda, hija sabet aspetti fattwali determinanti li fuqhom tista' toqgħod biex tasal għall-fehmiet tagħha dwar dak li seħħ."*

**21.** F'dan ir-rigward, spiss ċerti provi ċirkostanzjali, materjali u fattwali jassumu rilevanza determinanti, u jagħtu ċertu piż korroborattiv lill-verżjoni u mhux lill-oħra u li allura jirrendu verżjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-oħra. Elementi ta' prova dawn, li proprju għaliex newtri, oġġettivi u mill-fonti indipendenti, spiss jwasslu l-ġudikant biex jirriżolvi l-vertenza indipendentement mill-verżjonijiet konfliġġenti tal-partijiet f'każijiet fejn dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet żbaljati u konfużi ta' kif ikunu seħħu l-affarijiet.

**22.** Lill-Ewwel Qorti ma rriżultalhiex mill-provi li l-karozza ta' attur qalet xi daqqa minn wara qabel l-inċident. Fil-fatt hi tgħid li l-attur stqarr li l-karozza tiegħu ma kellhiex daqqiet fuq in-naħa ta' wara[34].

**23.** Ernest Briffa, li kien passiġġier fil-karozza ma' Farrugia, xehed li hu ma semgħax daqqa meta Farrugia ssorpassa l-karozza ta' quddiemu u ġibed fuq il-*lane* ta' barra. Jgħid li Farrugia tilef il-kontrol fl-aħħar tal-mina u ma jiftakarx jekk il-karozza kellha xi impatt ma xi ħajt. Hu ma ħassx daqqa fuq wara[35].

**24.** Min-naħa tiegħu Carabott jgħid li Josef għadda bi *speed* qawwi bejnu u bejn il-karozza Peugeot li kienet quddiem Josef u lilu ssikkatu u kellu jiġbed lejn il-ħajt fuq il-lemin tiegħu. Kif Josef wasal bejn wieħed u ieħor tul ta' sitt karozzi quddiemu ra l-karozza ta' Farrugia tispinja,

---

[33] A fol. 54 Briffa jgħid li kien ħabib kemm ta' Farrugia kif ukoll ta' Carabott.
[34] Ara fol. 77
[35] Ara fol. 55.

iddur żewġ dawriet fil-vojt u baqgħet dieħla fiċ-ċint ta' fuq il-pont.[36]

**25.** L-Ewwel Qorti ddeċidiet li indipendentement mill-kwistjoni jekk kienx hemm impatt jew le bejn il-karozza misjuqa mill-attur u dik misjuqa mill-konvenut Carabott, xorta wahda l-attur jaħti għal dak li ġara. Jirriżulta li waqt li l-appellant kien għadu fil-mina huwa qabeż karozza li kienet quddiemu[37] u qaleb mill-*lane* ta' ġewwa fejn kien għal *fast lane* fejn kien għaddej Carabott. L-attur għalhekk mhux biss għamel manuvra ta' sorpass minn fuq ix-xellug biex jaqbeż il-karozza ta' Carabott li kienet fuq il-lemin tiegħu iżda hu qabeż f'post ipprojbit[38] fejn hemm linja kontinwa bajda bejn *lane* u oħra meta kien għadu fil-mina, kontra r-Regolamenti tas-sewqan. Hu biddel minn *lane* għal oħra mingħajr ma żamm *a proper look out* għal vetturi l-oħra u ħoloq perikolu għalih u għal ħaddiehor.

**26.** Din il-Qorti għalhekk, bħall-Ewwel Qorti, taqbel li l-appellant jaħti għall-inċident in eżami.

**27.** Fil-konfront tal-appellat Carabott, l-appellant isostni li dan kien qed isuq b'ċerta veloċita` jew aħjar itellaq miegħu bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku. Jgħid li mhux veru li Carabott kien għaddej biss b'veloċita` ta' 40 kfs meta huwa u Carabott kienu qishom qegħdin jimpikaw bil-vetturi tagħhom u wieħed jaqbeż lill-ieħor.

**28.** Waqt li l-appellant isostni li Carabott kien qed isuq b'veloċita` qawwija, fl-istess ħin hu jinsisti li huwa nnifsu ma kienx qed isuq b'veloċita` qawwija. Issa jekk dan huwa minnu, l-appellant irid jispjega kif hu irnexxilu jaqbeż lill-Carabott jekk hu kien għaddej b'veloċita` inqas minn Carabott. Min-naħa l-oħra jekk hu veru li l-appellant ma kienx għaddej b'veloċita` u rnexxilu jaqbeż lill-konvenut Carabott, allura jfisser li Carabott ma kienx qed isuq b'veloċita` wkoll. Hawnhekk wieħed ma jridx jinsa' dak li osservat l-Ewwel Qorti li Carabott kien qiegħed isuq fuq il-

[36] Ara fol. 73.
[37] Ara nota' ta' osservazzjonijiet tal-attur; xhieda ta' Ernest Briffa a fol. 54/55 u ta' Carabott a fol. 73.
[38] Hemm anke sinjali li jindikaw li ma tistax taqbeż fil-mina.

mogħdija ta’ barra, fejn wieħed jistenna li t-traffiku li jkun għaddej fuqha jkun qiegħed jimxi b’ħeffa aktar minn dik li jkun miexi biha t-traffiku fuq il-mogħdija ta’ ġewwa.

**29.** Inoltre f’dan il-każ il-fatti jitkellmu waħedhom. Ir-riżultanti ħsara fil-vettura tal-appellant u kif spiċċat[39] hija każ ta’ *res ipsa loquitur*[40] u tikkonferma l-veloċita` li biha kien għaddej l-appellant[41]. L-impatt kien qawwi ħafna kif jirriżulta mir-rapport tal-pulizija[42] u mill-fatt li anke tkissru partijiet mill-pont.

**30.** Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-kawża prossima ta’ dan l-inċident kien is-sewqan perikoluż u kontra r-Regolamenti da parti tal-appellant u mhux l-allegat *speed* da parti ta’ Carabott.

**31.** **Fit-tieni aggravju** l-appellant isostni li, għalkemm il-konvenut Direttur ma kellux sehem fl-inċident, madanakollu l-ħtija tiegħu tidħol fil-fażi meta l-appellant ħareġ mill-vettura tiegħu. Hu jgħid li mhux biżżejjed li dan l-appellat jiskolpa ruħu minn kull ħtija billi jgħid li tali triq m’hijiex iffrekwentata minn *pedestrians* u m’hijiex intiża għall-użu minnhom. L-appellant jisħaq li Triq Regjonali hi frekwentata minn eluf ta’ vetturi kuljum u faċilment vettura jkollha l-ħtieġa li tieqaf f’xi parti minn din it-triq. Għalhekk l-appellat kellu dmir li jagħmel ilqugħ mhux biss għal vetturi biex ma jaqgħux iżda anke sistemi ta’ sigurta` intiżi għal *pedestrians* li minħabba xi raġuni jew oħra jkunu waqfu hemm. Dan ma ġarax fil-każ odjern u għalhekk l-appellat għandu jġorr parti mill-ħtija. L-appellant isostni li, kuntrarjament għal dak li qalet l-Ewwel Qorti, kien hemm ness dirett bejn dan in-nuqqas u dak li seħħ lilu.

---

[39] Ara fol. 104.

[40] “Huwa veru li l-ħtija għandha tiġi pruvata, iżda jkun hemm każi fejn il-fatti dannużi juru l-impronta tal-ħtija b'mod li min ikun ipprova dawn il-fatti għandu jiftiehem li pprova anki l-ħtija, u allura jkun dmir ta' min ikun kaġun ta' dawk il-fatti li jipprova li hu ma kellux ħtija f'li ġara”. (Ara Vol XL11 p1 p 15).

[41] A fol. 55 Briffa jgħid li l-karozzi ma kienux qed iġerru eċċessivament, kienu għaddejin bi *speed* naqra għoli. Carabott jgħid li Farrugia qabżu bi *speed* qawwi.

[42] Ara fol. 39.

**32.** Fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-attur ma seħħlux juri kif tassew id-Direttur konvenut għandu wkoll iwieġeb għal xi responsabilita`. Hi qalet li l-ilqugħ wettaq ix-xogħol tiegħu u żamm il-karozza misjuqa mill-attur milli tinqaleb għal isfel. Qalet ukoll li ma jidhirx li dik il-parti tal-pont kienet maħsuba biex in-nies jimxu matulu. Inoltre l-attur ma ressaq l-ebda prova li dak l-ilqugħ kien ta' perikolu.

**33.** Fir-rigward tas-*security railings* Inġinier Oliver Debono jikteb fir-rapport preliminari tiegħu li ħejja wara l-inċident li *"As to the horizontal pipes these are in a fair state but can be better maintained by applying anti-rust paint and painted over".*[43]

**34.** Joseph Farrugia, *Officer in charge road maintenance*, xehed li mill-*inspection* li għamel ma' l-Inġinier Debono fuq dawk is-*security railings* sab li kien hemm xi *tube* wieħed nieqes *"imma ma kienx hemm minnhom neqsin totalment"*[44] Il-*concrete bollards* kienu b'żewġ pajpijiet. F'dan il-każ il-*bollards* kienu kollha hemm u servew l-iskop tagħhom minkejja l-impatt qawwi bil-karozza. Hu jgħid li dan ma kienx *pedestrian bridge*, jiġifieri mhux biex jgħaddu nies minn hemm għax lanqas ma hemm bankina[45].

**35.** Rilevanti dwar dan il-punt hija x-xhieda tal-appellat Carabott li xehed li l-attur kien kisser il-pajpijiet bl-impatt li seħħ. Hu qal hekk: *"Jiena naf li mad-daqqa tal-karozza Joseph kien kisser biċċa mill-pajpijiet".* Fuq kontro-eżami jkompli jgħid li *"Jiena kif ħriġt mill-karozza rajt parti mill-pajpijiet nieqsa u mhux mill-bricks. Il-pajpijiet rajthom neqsin."*[46]

**36.** Illi għalhekk jidher li jekk kien hemm xi pajp nieqes fir-*railings* dan seta' kien konsegwenza tal-impatt qawwi tal-vettura misjuqa minn Farrugia mar-*railings*[47]. Jirriżulta

---

[43] Ara fol. 80.
[44] Ara fol. 84/85.
[45] Ara fol. 85.
[46] Ara fol. 106.
[47] Ara ritratti a fol. 104.

mill-atti li meta seħħ l-inċident l-appellant tkaxxkar b'ċertu veloċita` għal diversi metri barra l-mina qabel ħabat u tkissru partijiet mill-pont u l-karozza spiċċat tħares fid-direzzjoni minn fejn kienet ġejja kif jidher mir-ritratti[48]. Skont ir-rapport tal-Pulizija *"the driver lost control of his vehicle, dashed on the side boundary railing, then he dashed again on the other side of the bridge".*

**37.** Mal-ħabta, l-attur ittajjar mill-karozza għaliex ma kienx marbut biċ-ċinturin tas-sigurta`[49], mentri l-passiġġier Ernest Briffa, baqa' marbut fil-karozza fejn hu kellu jinħareġ wara l-inċident. Kien meta l-appellant spiċċa barra mill-karozza u mar fejn il-*bridge* li mbagħad hu spiċċa li għeleb għal isfel. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut Direttur ma jaħtix għal fatt li l-appellant spiċċa stordut wara l-inċident li ġara minħabba traskuragni u sewqan perikoluż tiegħu. Il-fatt li l-appellant ma kienx liebes is-*seatbelt* kompla aggrava s-sitwazzjoni u probabbilment l-appellant kien jiġrilu biss bħal Briffa li baqa' maqbud fil-karozza.

**38.** L-appellant jargumenta wkoll li xi żmien wara l-inċident d-Dipartiment waħħal xi *crash barriers* f'dawk l-inħawi u għalhekk dan jkkonferma li kien jeżisti perikolu. L-Ewwel Qorti osservat pero` li dawn il-*crash barriers* ma sarux ogħla miċ-ċint innifsu għalhekk ma kienu ser jagħmlu ebda differenza. Din il-Qorti ma tarax għaliex m'għandhiex taqbel ma' dan l-ħsieb tal-Ewwel Qorti.

**39.** Għalhekk din il-Qorti tikkonkludi li l-attur ma ppruvax li l-pont kien perikoluż u lanqas li l-appellat Direttur jaħti għal ħsara li huwa sofra.

**40.** **Fit-tielet aggravju** l-appellant isostni li l-Ewwel Qorti meta waslet biex titfa' ħtija fuqu, ta' lanqas kellha titfa' ħtija kontributorja fuq il-konvenuti jew min minnhom. Dan l-Ewwel Qorti m'għamlitux u lanqas biss ikkunsidratu.

---

[48] Fol. 104
[49] Xhieda attur fol. 77

**41.** Din il-Qorti ma taqblix ma' l-appellant li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx jekk kienx hemm responsabilita` kontributorja da parti ta' xi wieħed mill-konvenuti. Fil-fatt hija eżaminat ukoll dettaljatament jekk kienx hemm xi nuqqas da parti tagħhom ukoll.

**42.** Fir-rigward tal-konvenut Carabott l-ewwel Qorti daħlet fil-kwistjoni tal-kontributorjeta` meta qalet li l-attur kien għamel argument (apparti l-allegazzjoni tiegħu li Carabott laqat il-karozza misjuqa minnu minn wara) li l-konvenut Carabott kien qiegħed isuq b'ħeffa kbira u b'hekk kellu sehem ukoll biex seħħ l-inċident. Iżda l-Qorti għar-raġunijiet li hija semmiet fis-sentenza tagħha, li diġa` saret referenza għalihom f'din is-sentenza, sabet li Carabott lanqas m'għandu jwieġeb fi grad ta' kontributorjeta` billi l-kawża prossima tal-inċident ma kienitx l-allegat *speed* tiegħu iżda l-manuvra ażżardata tal-appellant.

**43.** L-ewwel Qorti daħlet ukoll fil-kwistjoni dwar xi responsabilita` da parti tal-konvenut l-ieħor u waslet għall-konklużżjoni, kif ġja`msemmi, li l-attur ma seħħlux juri kif tassew id-Direttur konvenut għandu wkoll iwieġeb għal xi responsabilita` billi ma ġiex pruvat b'xi mod li dan naqas mid-doveri tiegħu jew li kien hemm ness bejn l-għemil tiegħu u l-ħsara konsegwenzjali.

**44.** Wara li din il-Qorti eżaminat il-provi u x-xhieda li ġew prodotti f'din il-kawża tasal biex tikkonkludi bħall-Ewwel Qorti li l-appellant kien unikament responsabbili għall-inċident li seħħ u li l-konvenuti ma kkontribwewx bl-ebda mod.

**45.** Għaldaqstant il-Qorti qegħdha tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant billi hija tal-fehma li dawn huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

## Deċide

**46.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, spejjeż tal-appell għall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------